TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 11/16-F

Elena Mckay
Vs
Paul Vassallo – Dental Surgeon

Illum, 22 ta' Marzu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Jannar, 2016, fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) rappreżentanti dentatura li ħallset għaliha u li mhijiex sodisfatta biha.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' lill- intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti kellha dentatura antika li kienet qegħda tweġġagħha u għalhekk marret għand l-intimat u fil-fatt irranġaħhielha. Sakemm irranġaħhielha talbitu biex jagħmel dentatura oħra u li skond l-intimat meta lestijielha, r-rikorrenti marret il-klinika tiegħu biex tippruvha u hi kienet sodisfatta. Madankollu wara ċertu żmien din id-dentatura bdiet tuġaħha.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti qegħda tgħid hekk għax d-dentatura l-oħra kienet lesta u li allura ma kellhiex bżonn oħra.

It-Tribunal jinota illi huwa minnu dak li qal l-intimat, infatti r-rikorrenti wara li pruvat id-dentura din kienet tajba u wara ċertu żmien bdiet tgħid li d-dentatura kienet qegħda ddejjaqha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiċħad it-talba tar-rikorrenti stante li qed jemmen il-verżjoni ta' l-intimat bl-ispejjes jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888